# KAPITOLU 496

## ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI

*Biex jistabbilixxi jedd għal informazzjoni miżmuma għand awtoritajiet pubbliċi sabiex b'hekk jippromwovi żjieda fit-trasparenza u l-kontabilità governattiva.*

31 ta' Lulju, 2009*;
21 ta' April, 2010†;
1 ta' Settembru, 2012‡.

*L-ATT XVI tal-2008, kif emendat bl-Avviż Legali 426 tal-2012.*

TAQSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari u Dikjarazzjoni tal-Prinċipji | 1 - 5 |
| Taqsima II | Sottomissjoni u Trattament ta' Talbiet għal Informazzjoni | 6 - 16 |
| Taqsima III | Aċċess għal Ċerti Dokumenti | 17 - 20 |
| Taqsima IV | Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* | 21 - 28 |
| Taqsima V | Raġunijiet Konklużivi biex Dokumenti Uffiċjali ma jkunux żvelati taħt dan l-Att | 29 - 34 |
| Taqsima VI | Raġunijiet Oħrajn biex ma tingħatax Informazzjoni Uffiċjali | 35 - 38 |
| Taqsima VII | Disposizzjonijiet Supplementari | 39 - 48 |


*l-artikoli 2, 4, 5, 17, 21(1), (2), (6) u (7), 22, 46 u 47(1) - fis-seħħ mill-31 ta' Lulju, 2009 - ara l-artikolu 1(2) ta' dan l-Att, kif promulgat oriġinarjament, u l-Avviż Legali 218 tal-2009.
†l-artikoli 41 u 42 - fis-seħħ mill-21 ta' April, 2010 - ara l-artikolu 1(2) ta' dan l-Att, kif promulgat oriġinarjament, u l-Avviż Legali 157 tal-2010.
‡l-artikoli 3, 6 sa 16, 18, 19, 20, 21(3) sa (5), 23 sa 40, 43 sa 45, 47(2) u (3) u 48 - fis-seħħ mill-1 ta' Settembru, 2012 - ara l-artikolu 1(2) ta' dan l-Att, kif promulgat oriġinarjament, u l-Avviż Legali 156 tal-2012.

## TAQSIMA I

## PRELIMINARI U DIKJARAZZJONI TA' PRINĊIPJI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Interpretazzjoni.

**2.** F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:

"applikant" tfisser, fir-rigward ta' talba għal żvelar ta' dokument skont l-artikolu 3, il-persuna li tkun għamlet dik it-talba;

"avviż ta' deċiżjoni" għandha t-tifsira mogħtija mill-artikolu 23;

"avviż ta' informazzjoni" għandha t-tifsira mogħtija mill-artikolu 24;

"avviż ta' infurzar" għandha t-tifsira mogħtija mill-artikolu 25;

"awtorità pubblika" tfisser:

(*a*) il-Gvern, inklużi kull ministeru u dipartiment tiegħu;

Kap. 595.

(b) aġenzija tal-Gvern stabbilita skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jew kwalunkwe liġi oħra; u

(*ċ*) kull korp stabbilit taħt il-liġi, jew kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta, aġenzija tal-Gvern jew korp tali kif intqal qabel għandu sehem biżżejjed biex jikkontrollah jew li fuqu għandu kontroll effettiv;

"awtorità pubblika rilevanti" tfisser awtorità pubblika minbarra dawk imsemmija fl-artikolu 5;

"dokument" tfisser kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma, inklużi *data* elettronika, immaġni, mudelli skont skala u rappreżentazzjonijiet viżwali oħrajn, u reġistrazzjonijiet awdjo jew vidjow, irrispettivament jekk l-informazzjoni tistax tinqara, tidher, tinstama' jew tinġieb lura bl-għajnuna ta' xi oġġett jew apparat ieħor jew mingħajr din l-għajnuna;

"dokument eżentat" tfisser dokument li mhux suġġett għall-iżvelar taħt dan l-Att skont it-Taqsimiet V u VI;

"materjal eżentat" tfisser materjal li d-dħul tiegħu f'dokument iwassal biex dak id-dokument ikun dokument eżentat;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* maħtur skont it-termini tal-artikolu 11 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*;

Kap. 586.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal-libertà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-*data*;

"persuna eliġibbli" tfisser persuna li hija residenti f'Malta u li ilha hekk residenti f'Malta għal perjodu ta' mhux anqas minn

ħames snin, u li hija ċittadin jew ta' Malta jew ta' stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea, jew ċittadin ta' kull stat ieħor li ċ-ċittadini tiegħu għandhom dritt, bis-saħħa ta' trattat bejn dak l-istat u l-Unjoni Ewropea, li f'Malta jiġu trattati bl-istess mod bħal ċittadini ta' stati membri tal-Unjoni Ewropea;

"Segretarju Permanenti Ewlieni" tfisser l-uffiċjal maħtur skont it-termini tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* mwaqqaf taħt l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 586.

"Unjoni Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija mill-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

**3.** Kull persuna eliġibbli għandha dritt ta' aċċess għal dokumenti miżmumin minn awtoritajiet pubbliċi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u bla ħsara għalihom.

Dritt ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali.

**4.** Xejn f'dan l-Att m'għandu jinftiehem li jimpedixxi awtoritajiet pubbliċi milli jippubblikaw dokumenti (inklużi dokumenti eżentati) jew jagħtu aċċess għalihom b'mod ieħor minn kif preskritt minn dan l-Att.

Aċċess għal dokumenti b'modi oħra li m'humiex f'dan l-Att.

**5.** (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), dan l-Att m'għandux japplika għal dokumenti li -

Applikazzjoni ta' dan l-Att.

(*a*) huma miżmumin minn Kunsill Lokali u għalhekk huma suġġetti għall-artikolu 45 tal-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

(*b*) huma suġġetti għar-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, jew għal xi regolamenti oħra magħmula taħt l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent u li jipprovdu għal-libertà ta' aċċess għal informazzjoni; L.S. 549.39 Kap. 549.

(*ċ*) kienu trasferiti għall-Arkivji Nazzjonali skont l-Att dwar Arkivji Nazzjonali; Kap. 477.

(*d*) huma aċċessibbli għall-pubbliku taħt kwalunkwe liġi oħra;

(*e*) jistgħu jinxtraw mill-pubbliku skont arranġamenti magħmulin minn awtorità pubblika; jew

(*f*) huma miżmumin minn soċjetà kummerċjali li fiha l-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra għandhom interess li jagħtihom kontroll, safejn id-dokumenti inkwistjoni għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummerċjali tas-soċjetà kummerċjali.

(2) Dan l-Att għandu japplika għal dokumenti li jirreferi għalihom is-subartikolu (1) safejn biss jista' jkun dispost minn xi liġi li tirregola l-aċċess għal dawn id-dokumenti.

(3) Dan l-Att m'għandux japplika għal dokumenti safejn tali dokumenti jkun fihom -

(*a*) *data* personali suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; jew Kap. 586.

(*b*) informazzjoni li l-iżvelar tagħha hu pprojbit minn xi

liġi oħra:

Iżda fejn ikun possibbli li jiġi żvelat dokument b'din id-*data* jew informazzjoni mneħħija, dan għandu jsir skont l-artikolu 13(1) u (2).

(4) Dan l-Att m'għandux japplika għal dokumenti miżmumin minn dawn li ġejjin:

(*a*) il-Kummissjoni Elettorali;

(*b*) il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi;

(*ċ*) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(*d*) l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali;

(*e*) l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika;

(*f*) is-Servizz tas-Sigurtà; jew

(*g*) l-Awtorità tax-Xandir, safejn dawk id-dokumenti għandhom x'jaqsmu mal-funzjonijiet tagħha taħt l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni; jew

(*h*) l-Ombudsman.

## TAQSIMA II

## SOTTOMISSJONI U TRATTAMENT TA' TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

Mod kif għandhom isiru talbiet għal aċċess.
*Emendat: A.L. 426 tal-2012.*

**6.** (1) Talba ta' applikant lil awtorità pubblika skont l-artikolu 3 għandha -

(*a*) tintbagħat bil-miktub, inklużi bil-posta jew elettronikament, bla ħsara għall-paragrafu (*e*), lill-uffiċċju tal-awtorità pubblika; u

(*b*) tagħti dik l-informazzjoni dwar id-dokument kif hu raġonevolment meħtieġ biex uffiċjal responsabbli tal-awtorità pubblika jidentifikaha; u

(*ċ*) tinkludi kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew permess għal residenza, jew tagħmel riferenza għal dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew il-permess għal residenza b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat b'regolamenti maħruġin taħt l-artikolu 42(*a*);

(*d*) tispeċifika indirizz postali li fih avviżi maħruġin taħt dan l-Att jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jintbagħtu lill-applikant; u

(*e*) jkollha magħha l-ħlas pagabbli skont l-artikolu 9(3).

(2) Ebda applikant m'għandu jintalab li jiġġustifika talba magħmula taħt dan l-Att jew jagħti raġuni għaliha, u kull twemmin li awtoritajiet pubbliċi jista' jkollhom fuq x'inhuma r-raġunijiet tal-applikant li jkun qed ifittex aċċess m'għandux jolqot it-talba tal-applikant.

Dmir ta' awtorità pubblika li tgħin applikanti.

**7.** Meta persuna eliġibbli -

(*a*) tixtieq tagħmel talba lil awtorità pubblika; jew

(*b*) tkun għamlet lil awtorità pubblika talba li ma tikkonformax mal-artikolu 6,

hu d-dmir tal-awtorità pubblika li tieħu passi raġonevoli biex tgħin lill-persuna tagħmel it-talba b'mod li tikkonforma mal-artikolu 6, u l-awtorità pubblika għandha tagħmel dan b'xejn.

Trasferiment ta' talbiet.

**8.** Meta ssir talba skont l-artikolu 6 lil awtorità pubblika, u d-dokument relatat mat-talba ma jkunx għand l-awtorità iżda l-persuna li tkun qed tittratta t-talba jidhrilha li jkun qiegħed għand awtorità pubblika oħra, l-awtorità pubblika li saritilha t-talba għandha fil-pront, u f'kull każ mhux aktar tard minn għaxar ġranet tax-xogħol mill-ġurnata meta daħlet it-talba, tittrasferixxi t-talba lill-awtorità pubblika l-oħra u tinforma b'dan lill-applikant.

Ħlasijiet.

**9.** (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għar-regolamenti li jistgħu jinħarġu taħt dan l-Att, awtorità pubblika tista' titlob ħlas minn applikant għal aċċess għal dokument skont dan l-Att.

(2) Kull ħlas iffissat minn awtorità pubblika m'għandux jaqbeż l-ispejjeż li jsiru biex id-dokument jingħata lill-applikant, filwaqt li jekk regolamenti maħruġin kif intqal qabel jippreskrivu medda ta' ħlasijiet komuni, dawn il-ħlasijiet m'għandhomx jaqbżu l-ispiża medja li ssir biex dokumenti jingħataw lill-applikanti.

(3) Regolamenti maħruġin kif intqal qabel jistgħu jiddisponu għall-pagament ta' ħlas speċifikament biex talba għal aċċess għal dokumenti tiġi pproċessata, u għall-pagament tat-tali ħlas mal-preżentazzjoni tat-talba.

(4) Meta awtorità pubblika tiddeċiedi li għandha titlob pagament mingħand applikant, hi għandha tgħidlu dan u tinfurmah li hu għandu dritt li jilmenta lill-Kummissarju taħt l-artikolu 23 jekk iħoss li l-ħlas hu eċċessiv:

Iżda jekk il-pagament hu ħlas komuni stabbilit b'regolamenti taħt dan l-Att, il-Kummissarju jista' bi tweġiba għal dan l-ilment jinvestiga biss jekk ir-regolamenti kienux ġew applikati b'mod korrett.

(5) Awtorità pubblika tista' tirrinunzja għall-ħlasijiet pagabbli fir-rigward ta' xi applikazzjoni partikolari jekk, fl-opinjoni tal-awtorità -

(*a*) il-ħlas pagabbli hu tant żgħir li m'hux ta' min jiġbru;

(*b*) il-ħlas jikkaġuna piż finanzjarju lill-applikant, meta wieħed iqis il-mezzi u ċ-ċirkostanzi tal-applikant; jew

(*ċ*) l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba hu fl-interess pubbliku.

(6) Meta awtorità pubblika tonqos milli tissodisfa l-limiti taż-żmien imniżżlin fl-artikolu 10 jew, jekk applikabbli, fl-artikolu 11, m'għandha titlob ebda ħlas għal aċċess għal dokument.

Deċiżjonijiet fuq talbiet u tweġibiet għal talbiet.

**10.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, fejn issir talba lil awtorità pubblika skont l-artikolu 6 jew it-talba tiġi trasferita lill-awtorità skont l-artikolu 8, l-awtorità għandha, malajr kemm ikun raġonevolment prattiku, u f'kull każ mhux wara għoxrin ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha t-talba tkun

waslet għand l-awtorità -

(*a*) tiddeċiedi jekk it-talba għandhiex tintlaqa' u, jekk għandha tintlaqa', b'liema mod u b'liema ħlas (jekk jagħti l-każ); u

(*b*) tinforma lill-applikant b'dan bil-miktub.

Estensjoni ta' limiti ta' żmien.

**11.** (1) Meta awtorità pubblika tirċievi talba direttament skont l-artikolu 6 jew bi trasferiment skont l-artikolu 8, l-awtorità tista' testendi l-limitu taż-żmien imniżżel fl-artikolu 10 b'sa erbgħin ġurnata tax-xogħol fir-rigward tat-talba jekk -

(*a*) it-talba hija għal numru kbir ta' dokumenti jew titlob tiftix f'numru kbir ta' dokumenti, u biex iżżomm mal-limitu taż-żmien oriġinali l-awtorità pubblika jkollha ssofri tfixkil mhux raġonevoli fl-operat tagħha; jew

(*b*) il-konsultazzjonijiet neċessarji biex tittieħed deċiżjoni fuq it-talba huma tali li mhux raġonevoli li tingħata tweġiba xierqa għat-talba fil-limitu taż-żmien oriġinali.

(2) Kull estensjoni taħt is-subartikolu (1) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi.

(3) L-estensjoni għandha ssir billi jintbagħat avviż lill-persuna li għamlet it-talba fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol mill-ġurnata meta waslet it-talba, u l-avviż għandu -

(*a*) jispeċifika l-perjodu tal-estensjoni;

(*b*) jagħti r-raġunijiet għall-estensjoni;

(*ċ*) jiddikjara li l-applikant għandu d-dritt taħt l-artikolu 23 li jressaq ilment lill-Kummissarju dwar l-estensjoni; u

(*d*) jkun fih tali informazzjoni oħra li tkun neċessarja.

Mod ta' kif jista' jingħata aċċess.

**12.** (1) Awtorità pubblika tista' tagħti lil applikant aċċess għal dokument b'wieħed jew aktar mill-modi li ġejjin:

(*a*) billi tagħti opportunità raġonevoli lill-applikant li jispezzjona d-dokument; jew

(*b*) billi tagħti kopja tad-dokument lill-applikant; jew

(*ċ*) fil-każ ta' dokument li hu reġistrazzjoni ta' ħsejjes jew immaġni viżivi, billi tagħmel arranġamenti biex l-applikant jisma' dawk il-ħsejjes jew jara l-immaġni viżivi; jew

(*d*) fil-każ ta' dokument li fih kliem reġistrat b'mod li jkun jista' jiġi riprodott f'forma ta' ħsejjes, jew li fih kliem f'forma stenografika jew f'forma kodifikata, billi tagħti lill-applikant traskrizzjoni miktuba tal-kliem irreġistrat jew li qiegħed fid-dokument; jew

(*e*) billi tagħti silta jew sommarju tal-kontenut.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 13, l-awtorità pubblika għandha tagħti aċċess għad-dokument lill-applikant bil-mod preferit mill-applikant ħlief jekk biex tagħmel dan ikollha -

(*a*) tagħmel ħsara lill-amministrazzjoni effiċjenti; jew

(*b*) tmur kontra xi dmir legali tal-awtorità pubblika fir-rigward tad-dokument; jew

(*ċ*) tippreġudika l-interessi protetti mit-Taqsima V u t-Taqsima VI u (fil-każ ta' interessi protetti mit-Taqsima VI) m'hemmx interess pubbliku kuntrarju li għandu aktar importanza minn dawk l-interessi.

(3) Meta applikant ma jingħatax aċċess bil-mod preferut minnu, l-awtorità pubblika għandha tagħti lill-applikant ir-raġuni għaliex ma tatx l-informazzjoni b'dak il-mod u tiddikjara li l-applikant għandu d-dritt taħt l-artikolu 23 li jressaq ilment fuq hekk lill-Kummissarju.

Tħassir ta' materjal eżentat jew irrelevanti.

**13.** (1) Meta ssir talba lil awtorità pubblika għal dokument li hu dokument eżentat, iżda -

(*a*) hu possibbli għall-awtorità pubblika li tagħmel kopja tad-dokument bil-materjal eżentat imħassar; u

(*b*) hu raġonevolment prattiku għall-awtorità pubblika, meta jitqiesu n-natura u l-ammont tax-xogħol involut biex tittieħed deċiżjoni u jsir dak it-tħassir u r-riżorsi aċċessibbli għal dak ix-xogħol, li tagħmel dik il-kopja,

l-awtorità pubblika għandha tagħti dik il-kopja lill-applikant.

(2) Meta jingħata aċċess għal kopja ta' dokument skont is-subartikolu (1), l-applikant għandu jkun infurmat -

(*a*) li dik hija kopja;

(*b*) bir-raġunijiet tat-tħassir; u

(*ċ*) li l-applikant għandu d-dritt taħt l-artikolu 23 li jressaq ilment fuq it-tħassir lill-Kummissarju.

(3) Meta dokument (li ma jkunx dokument eżentat) fih materjal li hu irrelevanti għat-talba tal-applikant, l-awtorità pubblika tista', jekk hu possibbli u raġonevolment prattiku u jekk l-applikant jaqbel, tgħaddi lill-applikant kopja tad-dokument bil-materjal irrilevanti mħassar; iżda dokument ma jistax ma jingħatax għar-raġuni li fih materjal irrilevanti li ma jistax jitħassar.

Raġunijiet għal ċaħda ta' talbiet.

**14.** Talba magħmula skont l-artikolu 6 tista' tkun miċħuda biss għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) li d-dokument mitlub hu eskluż mill-fini ta' dan l-Att bis-saħħa tal-artikolu 5;

(*b*) li, bis-saħħa tat-Taqsima V jew it-Taqsima VI, hemm raġuni valida biex id-dokument mitlub ma jingħatax;

(*ċ*) li, bis-saħħa tal-artikolu 34, l-awtorità pubblika la tikkonferma u lanqas tiċħad l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza tad-dokument mitlub;

(*d*) li d-dokument mitlub hu aċċessibbli għall-pubbliku jew se jkun ippubblikat fi żmien tliet xhur;

(*e*) li d-dokument mitlub ma jistax jinsab, u dan hu ċċertifikat bil-miktub mill-kap tal-awtorità pubblika;

(*f*) li r-riżorsi meħtieġa biex -

(i) dokument jew dokumenti jkunu identifikati, jinsab fejn huma jew jinġabru;

(ii) ikun eżaminat dokument jew ikunu kkonsultati persuni jew korpi fir-rigward tal-possibbiltà tal-iżvelar tiegħu; jew

(iii) issir kopja, jew kopja editjata, ta' dokument,

iwasslu biex ir-riżorsi ta' awtorità pubblika jkunu indirizzati b'mod sostanzjali u mhux raġonevoli lil hinn mill-operazzjonijiet l-oħra tagħha, u l-applikant ma rnexxilux, bil-parir tal-awtorità pubblika, iqiegħed b'mod differenti t-talba tiegħu sabiex jagħmilha aktar faċli li tintlaqa' mill-awtorità;

(*g*) li d-dokument mitlub mhux għand l-awtorità pubblika u l-persuna li qed tittratta t-talba m'għandha ebda raġuni biex temmen li d-dokument qiegħed għand awtorità pubblika oħra jew hu konness aktar mill-qrib mal-funzjonijiet ta' awtorità pubblika oħra; jew

(*h*) li t-talba hija frivola jew vessatorja jew li l-informazzjoni mitluba hija trivjali.

Raġunijiet għal ċaħda għandhom jingħataw.

**15.** (1) Meta talba magħmula skont dan l-Att tiġi rifjutata, l-awtorità pubblika għandha -

(*a*) bla ħsara għall-artikolu 34, tagħti lill-applikant ir-raġunijiet għaċ-ċaħda; u

(*b*) tiddikjara li l-applikant għandu d-dritt, taħt l-artikolu 23, li jitlob investigazzjoni u rikonsiderazzjoni mill-Kummissarju taċ-ċaħda.

(2) M'hemm ebda obbligu li avviż taħt dan l-artikolu jkollu fih xi materja ta' natura tali li d-dħul tagħha f'dokument iwassal biex dak id-dokument ikun dokument eżentat.

Deċiżjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi taħt dan l-Att.
Kap. 249.

**16.** (1) Deċiżjoni minn awtorità pubblika fir-rigward ta' talba taħt dan l-Att għandha, bla ħsara għall-artikolu 6(*ċ*) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, tittieħed -

Kap. 595.

(*a*) mill-kap tal-awtorità pubblika jew il-bord tat-tmexxija (skont kif applikabbli), kif identifikat jew stabbilit fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jew f'xi strument ieħor li l-awtorità hija suġġetta għalih; jew

(*b*) minn uffiċjal tal-awtorità pubblika, li jaġixxi fil-limiti tas-setgħat li hu jista' jeżerċita skont l-arranġamenti approvati mill-kap tal-awtorità jew mill-bord tat-tmexxija tagħha.

(2) Deċiżjoni li jkun żvelat dokument jew jingħata aċċess għalih skont dan l-Att għandha tikkostitwixxi żvelar awtorizzat għall-fini tal-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali.

Kap. 50.

TAQSIMA III

AĊĊESS GĦAL ĊERTI DOKUMENTI

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni minn awtoritajiet pubbliċi.

**17.** (1) Mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, kull awtorità pubblika rilevanti għandha tippubblika, skont kull struzzjonijiet maħruġin mill-Kummissarju:

(*a*) deskrizzjoni tal-istruttura, il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha;

(*b*) deskrizzjoni ġenerali tal-kategoriji ta' dokumenti li għandha;

(*ċ*) deskrizzjoni tal-manwali u dokumenti simili kollha li fihom *policies*, prinċipji, regoli u linji gwida li fuqhom jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' membri tal-pubbliku (inklużi korpi ġuridiċi u impjegati tal-awtorità pubblika fil-kapaċità personali tagħhom); u

(*d*) dikjarazzjoni tal-informazzjoni li jeħtieġ li tkun aċċessibbli għall-membri tal-pubbliku li jkunu jridu jiksbu aċċess għal dokumenti uffiċjali mill-awtorità pubblika, liema dikjarazzjoni għandha tinkludi l-partikolaritajiet tal-uffiċjal jew uffiċjali li lilhom għandhom jintbagħtu talbiet għal dan l-aċċess.

(2) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti maħruġin wara konsultazzjoni mal-Kummissarju, jobbliga awtoritajiet pubbliċi rilevanti li jippubblikaw aktar materjal minn dak imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Kull awtorità pubblika għandha taġġorna l-materjal ippubblikat skont is-subartikoli (1) u (2) mill-inqas kull sena, jew f'intervalli aktar frekwenti kif jista' jkun stabbilit b'regolamenti maħruġin taħt is-subartikolu (2).

(4) Pubblikazzjoni fuq websajt tal-internet jew mezz elettroniku ieħor li hu aċċessibbli pubblikament fil-ħinijiet raġonevoli kollha għandha tkun biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, sakemm l-informazzjoni ppubblikata b'dan il-mod issir aċċessibbli f'forma stampata għall-membri tal-pubbliku li hekk jeħtiġuha.

(5) Xejn f'dan l-artikolu ma jitlob il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni meta hemm raġuni tajba taħt dan l-Att biex din ma tingħatax.

Dritt ta' aċċess għal ċerta informazzjoni uffiċjali.

**18.** (1) Regolamenti jistgħu jinħarġu taħt dan l-Att biex jistabbilixxu dritt għal aċċess għal informazzjoni li hi miżmuma għand korpi jew persuni li m'humiex awtoritajiet pubbliċi jew impjegati ta' awtoritajiet pubbliċi, u li tappartjeni għal:

(*a*) servizzi mogħtija lill-pubbliku minn dawn il-korpi jew persuni f'isem il-Gvern jew f'isem awtorità pubblika oħra; jew

(*b*) proġetti jew inizjattivi li qed jitwettqu minn dawn il-korpi jew persuni iżda li huma finanzjati mill-Gvern jew minn awtorità pubblika oħra.

(2) L-għoti ta' aċċess għal kull informazzjoni li japplika għaliha s-subartikolu (1) għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti li jsiru taħt dan l-Att.

Dritt ta' aċċess għal regoli interni li jolqtu deċiżjonijiet.

**19.** (1) Bla ħsara għat-Taqsima V u t-Taqsima VI, kull persuna eliġibbli għandha dritt li tingħata u, wara talba magħmula taħt dan l-artikolu, għandha tingħata aċċess għal kull dokument (inkluż manwal) li jinżamm għand awtorità pubblika u li fih *policies*, prinċipji, regoli jew linji gwida li fuqhom jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' membri tal-pubbliku (inklużi korpi ġuridiċi u impjegati tal-awtorità pubblika fil-kapaċità personali tagħhom).

(2) Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II minbarra l-artikoli 12 u 13 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal talba magħmula taħt is-subartikolu (1).

(3) Meta, bis-saħħa tat-Taqsima V u t-Taqsima VI, hemm raġuni tajba biex ma jingħatawx partijiet minn dokument li għalih jirrelata s-subartikolu (1), l-awtorità pubblika għandha, sakemm ma jkunx imprattikabbli li jsir dan, jew -

(*a*) tagħmel aċċessibbli kopja ta' dak id-dokument b'dak it-tħassir jew bidliet skont kif neċessarju; jew

(*b*) tipprovdi dokument ieħor li fih tingħata s-sustanza tad-dokument minbarra dak li jirrelata għall-informazzjoni li ma tingħatax.

(4) Meta jingħata aċċess għal dokument skont is-subartikolu (3), l-awtorità pubblika għandha -

(*a*) tagħti lill-applikant ir-raġunijiet għaliex l-informazzjoni ma ngħatatx; u

(*b*) tiddikjara li l-applikant għandu d-dritt, taħt l-artikolu 23, li jfittex li ssir investigazzjoni u rikonsiderazzjoni mill-Kummissarju tar-rifjut li tingħata dik l-informazzjoni.

Dritt ta' aċċess minn persuna għal raġunijiet ta' deċiżjonijiet li jolqtu lil dik il-persuna.

**20.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u t-Taqsima VI, meta awtorità pubblika tieħu deċiżjoni jew tagħmel rakkomandazzjoni fir-rigward ta' xi persuna eliġibbli, inkluż persuna eliġibbli li tkun qed taġixxi f'isem korp ġuridiku, dik il-persuna għandha d-dritt li tingħata u, wara talba fi żmien sitt xhur minn meta l-persuna ssir taf bid-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, għandha tingħata dikjarazzjoni bil-miktub ta' -

(*a*) il-konklużjonijiet fuq kwistjonijiet materjali ta' fatt; u

(*b*) bla ħsara għas-subartikolu (2), referenza għall-informazzjoni li fuqha kienu bbażati dawk il-konklużjonijiet; u

(*ċ*) ir-raġunijiet tad-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

(2) Referenza għall-informazzjoni li fuqha kienu bbażati l-konklużjonijiet m'hemmx għalfejn tingħata taħt is-subartikolu (1)(*b*) jekk -

(*a*) l-iżvelar tal-informazzjoni jew ta' informazzjoni li

tidentifika l-persuna li tatha, billi tikkostitwixxi materjal evalwattiv, tkun qed tikser wegħda espressa jew impliċita lill-persuna li tat l-informazzjoni b'mod li l-informazzjoni, jew l-identità tal-persuna, jew it-tnejn, għandhom jinżammu konfidenzjali; jew

(*b*) wara konsultazzjoni li tkun saret (meta prattikabbli) minn jew f'isem l-awtorità pubblika mat-tabib tal-familja ta' persuna naturali, l-awtorità pubblika hija sodisfatta li l-informazzjoni tirrelata għal dik il-persuna u l-iżvelar tal-informazzjoni (billi hi informazzjoni li tirrelata mas-saħħa fiżika jew mentali tal-persuna li tagħmel it-talba taħt dan l-artikolu) x'aktarx li jkun ta' preġudizzju għas-saħħa fiżika jew mentali ta' dik il-persuna; jew

(*ċ*) fil-każ ta' persuna naturali li m'għalqitx it-tmintax-il sena, l-iżvelar tal-informazzjoni jmur kontra l-interessi ta' dik il-persuna; jew

(*d*) l-iżvelar tal-informazzjoni (billi hi informazzjoni li tirrigwarda persuna li ntbagħtet il-ħabs minħabba reat jew li qegħda jew kienet miżmuma taħt arrest) x'aktarx li jkun ta' preġudizzju għall-kustodja fiż-żgur jew ir-riabilitazzjoni ta' dik il-persuna.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(*a*), it-terminu "materjal evalwattiv" ifisser valutazzjoni jew opinjoni miġbura biss -

(*a*) għall-iskop li tiddetermina l-adegwatezza, l-eliġibilità jew il-kwalifiki tal-persuna li l-materjal jirrelata magħha għal skopijiet li għandhom x'jaqsmu mal-għoti, kontinwazzjoni jew kanċellament ta' ħatra, kuntratt, borża ta' studju, unur jew xi benefiċċju ieħor; jew

(*b*) għall-iskop li tiddetermina jekk wieħed jassigurax xi persuna jew proprjetà jew jekk ikomplix jew iġeddidx din l-assigurazzjoni.

(4) Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II, minbarra l-artikoli 12 u 13, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal talba magħmula taħt is-subartikolu (1).

## TAQSIMA IV

## IL-KUMMISSARJU GĦALL-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Funzjonijiet ġenerali tal-Kummissarju.

**21.** (1) B'żjieda mad-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, għandu jkun id-dmir tal-Kummissarju li jippromwovi l-osservanza mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti -

(*a*) tar-rekwiżiti ta' dan l-Att; u

(*b*) tad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' prattika maħruġ taħt l-artikolu 41.

(2) Il-Kummissarju għandu jieħu ħsieb it-tixrid, fil-forma u l-manjiera kif iqis adatti, ta' dik l-informazzjoni li fil-fehma tiegħu

għandha tingħata lill-pubbliku -

(*a*) fuq l-operat ta’ dan l-Att,

(*b*) fuq l-osservanza tal-liġi, u

(*ċ*) fuq materji oħrajn li jaqgħu taħt il-firxa tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att,

u hu jista’ jagħti parir lil kull persuna jew awtorità dwar kull waħda minn dawn il-materji.

(3) Bla ħsara għall-artikoli 22, 24 u 25, il-Kummissarju jista’, bil-kunsens jew wara talba ta’ xi awtorità pubblika, jivvaluta jekk dik l-awtorità hix issegwi prattika tajba.

(4) Il-Kummissarju jista’ jitlob bħala ħlas dawk l-ammonti li hu jista’, bil-kunsens tal-Ministru, jiddetermina għal kull wieħed mis-servizzi mogħtija mill-Kummissarju taħt dan l-artikolu.

(5) Fi żmien tliet xhur wara l-għeluq ta’ kull sena kalendarja, il-Kummissarju għandu jipprepara u jissottometti lill-Ministru rapport annwali fuq il-ħidma ta’ dan l-Att tul dik is-sena, u l-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità li jkollu, jara li kopja tar-rapport titqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati; dan ir-rapport għandu jgħid:

(*a*) kemm saru talbiet lil awtoritajiet pubbliċi għal informazzjoni taħt dan l-Att;

(*b*) kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa u kemm miċħuda;

(*ċ*) ir-raġunijiet għalfejn talbiet ġew miċħuda;

(*d*) iż-żmien medju li ttieħed biex jingħataw risposti għat-talbiet;

(*e*) kemm saru lmenti lill-Kummissarju, ir-raġunijiet għalfejn saru l-ilmenti, u l-eżitu tagħhom;

(*f*) kemm saru appelli quddiem it-Tribunal u kif ġew deċiżi dawn l-appelli; u

(*g*) kemm inħarġu avviżi ta’ informazzjoni, deċiżjoni u infurzar mill-Kummissarju.

(6) Bla ħsara għas-subartikolu (4) u għall-artikoli 26, 39 u 40, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att il-Kummissarju għandu jaġixxi b’mod indipendenti u m’għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta’ xi persuna jew awtorità oħra.

(7) F’dan l-artikolu "prattika tajba", fir-rigward ta’ awtorità pubblika, tfisser dik il-prattika fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att li hija xierqa fil-fehma tal-Kummissarju, u tinkludi (iżda mhux limitata għal) konformità mar-rekwiżiti ta’ dan l-Att u d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta’ prattika maħruġ taħt l-artikolu 41.

Rakkomandazzjonijiet rigward prattika tajba.

**22.** (1) Jekk jidher lill-Kummissarju li l-prattika ta’ awtorità pubblika rilevanti fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att ma tikkonformax ma’ dak propost fil-kodiċi ta’ prattika maħruġ taħt l-artikolu 41, hu jista’ jagħmel lill-awtorità rakkomandazzjoni (f’din it-taqsima msejħa "rakkomandazzjoni ta’ prattika") fejn jispeċifika l-passi li fil-fehma tiegħu għandhom

jittieħdu għall-promozzjoni ta' din il-konformità.

(2) Rakkomandazzjoni ta' prattika għandha tingħata bil-miktub u għandha tirreferi għad-dispożizzjonijiet partikolari tal-kodiċi ta' prattika li fil-fehma tal-Kummissarju mhux qed ikunu segwiti mill-awtorità pubblika.

Applikazzjoni għal deċiżjoni mill-Kummissarju.

**23.** (1) Kull applikant jista' japplika għand il-Kummissarju għal deċiżjoni fuq jekk, f'xi każ speċifikat -

(*a*) talba għal informazzjoni magħmula mill-applikant lil awtorità pubblika kenitx ittrattata skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Att; jew

(*b*) awtorità pubblika hix konformi mar-rekwiżiti mniżżlin fit-Taqsima III.

(2) Meta jirċievi applikazzjoni taħt dan l-artikolu, il-Kummissarju għandu jieħu deċiżjoni sakemm ma jidhirlux -

(*a*) li l-applikant ma jkunx eżawrixxa xi proċedura ta' lmenti li tista' tkun ipprovduta mill-awtorità pubblika f'konformità mal-kodiċi ta' prattika maħruġ taħt l-artikolu 41:

Iżda l-Kummissarju jista' jiddeċiedi fuq l-applikazzjoni jekk fil-fehma tiegħu l-proċedura ta' lmenti pprovduta mill-awtorità pubblika ma kenitx konkluża, jew x'aktarx m'hix se tkun konkluża, fi żmien raġonevoli;

(*b*) li kien hemm dewmien mhux meħtieġ fit-tressiq tal-applikazzjoni;

(*ċ*) li l-applikazzjoni hija frivola jew vessatorja; jew

(*d*) li l-applikazzjoni ġiet irtirata jew abbandunata.

(3) Meta l-Kummissarju jkun irċieva applikazzjoni taħt dan l-artikolu, hu għandu -

(*a*) jinnotifika lill-applikant li hu ma ħa ebda deċiżjoni taħt dan l-artikolu minħabba l-applikazzjoni u jagħtih ir-raġunijiet tiegħu għaliex m'għamilx dan; jew

(*b*) jibgħat notifika tad-deċiżjoni tiegħu (f'dan l-Att imsejħa "avviż ta' deċiżjoni") lill-applikant u lill-awtorità pubblika.

(4) Meta l-Kummissarju jiddeċiedi li awtorità pubblika -

(*a*) naqset milli tagħti aċċess għal dokument, jew milli tikkonferma jew tiċħad l-eżistenza ta' dokument, f'każ meta hi meħtieġa li tagħmel dan taħt dan l-Att; jew

(*b*) naqset milli tikkonforma ma' xi rekwiżiti oħra tat-Taqsima II fit-trattament tat-talba tal-applikant għal dokument; jew

(*ċ*) naqset milli tikkonforma ma' xi rekwiżiti tat-Taqsima III,

l-avviż ta' deċiżjoni għandu jispeċifika l-passi li għandhom jittieħdu mill-awtorità biex tikkonforma ma' dak ir-rekwiżit u l-

perjodu li fih dawn għandhom jittieħdu.

(5) Avviż ta' deċiżjoni għandu jipprovdi tagħrif dwar id-dritt ta' appell mogħti mill-artikolu 39.

(6) Meta avviż ta' deċiżjoni jitlob li jittieħdu passi mill-awtorità pubblika f'perjodu speċifikat, iż-żmien speċifikat fl-avviż m'għandux jiskadi qabel tmiem il-perjodu li tulu appell kontra l-avviż jista' jitressaq u, jekk dan l-appell ikun tressaq, ebda pass li jintlaqat mill-appell m'hemm għalfejn jittieħed sakemm l-appell ikun deċiż jew irtirat.

(7) Dan l-artikolu għandu jkollu effett bla ħsara għall-artikolu 26.

Avviżi ta' informazzjoni.

**24.** (1) Jekk il-Kummissarju jkun irċieva applikazzjoni taħt l-artikolu 23, jew ikun jeħtieġ raġonevolment xi informazzjoni -

(*a*) sabiex jiddetermina jekk awtorità pubblika kenitx ikkonformat jew hix qed tikkonforma ma' xi rekwiżiti ta' dan l-Att; jew

(*b*) sabiex jiddetermina jekk il-prattika ta' awtorità pubblika f'relazzjoni mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att tikkonformax ma' dak li hu mniżżel fil-kodiċi ta' prattika stabbilit taħt l-artikolu 41,

hu jista' jibgħat lill-awtorità avviż (f'dan l-Att imsejjaħ "avviż ta' informazzjoni") li jitlobha biex, fiż-żmien kif speċifikat fl-avviż, tgħaddi lill-Kummissarju, bil-mod kif jista' jkun speċifikat, dik l-informazzjoni kif inhi hekk speċifikata li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni jew mal-iskopijiet li jirreferu għalihom il-paragrafi (*a*) u (*b*).

(2) Avviż ta' informazzjoni għandu jispeċifika l-iskop li għalih il-Kummissarju jeħtieġ l-informazzjoni u, meta jirreferi għal informazzjoni reġistrata f'dokument, għandu jinkludi dawk id-dettalji raġonevolment meħtieġa biex uffiċjal responsabbli tal-awtorità pubblika jkun jista' jidentifika dak id-dokument.

(3) Avviż ta' informazzjoni għandu wkoll jipprovdi tagħrif dwar id-dritt ta' appell mogħti mill-artikolu 39.

(4) Il-perjodu ta' żmien speċifikat f'avviż ta' informazzjoni m'għandux jiskadi qabel tmiem il-perjodu li tulu jista' jitressaq appell kontra l-avviż u, jekk dan l-appell ikun tressaq, l-informazzjoni mitluba fl-avviż m'hemmx għalfejn tingħata sakemm l-appell ikun deċiż jew irtirat.

(5) Awtorità pubblika m'għandhiex tkun mitluba bis-saħħa ta' dan l-artikolu li tgħaddi lill-Kummissarju xi informazzjoni fir-rigward ta':

(*a*) xi komunikazzjoni bejn konsulent legali professjonali u l-klijent tiegħu f'konnessjoni mal-għoti ta' parir legali lill-klijent fir-rigward tal-obbligi, responsabbiltajiet jew drittijiet tiegħu taħt dan l-Att; jew

(*b*) xi komunikazzjoni bejn konsulent legali professjonali

u l-klijent tiegħu, jew bejn tali konsulent jew il-klijent tiegħu u xi persuna oħra, magħmula f'konnessjoni ma' proċeduri attwali jew possibbli taħt dan l-Att jew li jirriżultaw minnu (inklużi proċeduri quddiem it-Tribunal) u għall-iskopijiet ta' dawn il-proċeduri.

(6) Fis-subartikolu (5), referenzi għall-klijent ta' konsulent legali professjonali jinkludi referenzi għal xi persuna li tirrappreżenta lil dan il-klijent.

(7) Il-Kummissarju jista' jħassar xi avviż ta' informazzjoni b'avviż bil-miktub lill-awtorità pubblika li tkun irċevietu.

(8) F'dan l-artikolu "informazzjoni" tinkludi informazzjoni mhux reġistrata.

Avviżi ta' infurzar.

**25.** (1) Jekk il-Kummissarju hu sodisfatt li awtorità pubblika naqset milli tikkonforma ma' xi wieħed mill-obbligi tagħha taħt dan l-Att, il-Kummissarju jista' jibgħat lill-awtorità avviż (f'dan l-Att imsejjaħ "avviż ta' infurzar") li jitlob lill-awtorità li, tul dak iż-żmien kif jista' jkun speċifikat fl-avviż, tieħu dawk il-passi kif jistgħu jkunu speċifikati biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi.

(2) Avviż ta' infurzar għandu jkun fih -

(*a*) dikjarazzjoni tar-rekwiżit jew rekwiżiti ta' dan l-Att li magħhom l-awtorità pubblika, fl-opinjoni sodisfatta tal-Kummissarju, naqset milli tikkonforma, u r-raġunijiet li wassluh biex jasal għal dik il-konklużjoni; u

(*b*) tagħrif dwar id-dritt ta' appell mogħti mill-artikolu 39.

(3) Avviż ta' infurzar m'għandux jitlob konformità ma' xi dispożizzjoni tal-avviż qabel tmiem il-perjodu li tulu jista' jitressaq appell kontra l-avviż, u, jekk dan l-appell jitressaq, ma tenħtieġx konformità mal-avviż sakemm l-appell ikun deċiż jew irtirat.

(4) Il-Kummissarju jista' jħassar xi avviż ta' infurzar b'avviż bil-miktub lill-awtorità pubblika li tkun irċevietu.

(5) Dan l-artikolu għandu jkollu effett bla ħsara għall-artikolu 26.

Eżenzjoni mid-dmir ta' konformità ma' avviż ta' deċiżjoni jew ma' avviż ta' infurzar.

**26.** (1) Avviż ta' deċiżjoni jew ta' infurzar maħruġ mill-Kummissarju fir-rigward tal-iżvelar ta' dokument ikun bla effett jekk il-Prim Ministru jiċċertifika lill-Kummissarju li, fl-opinjoni tiegħu, id-dokument hu dokument eżentat skont it-termini ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V.

(2) Ċertifikat taħt dan l-artikolu għandu jkollu fih dikjarazzjoni mill-Prim Ministru bir-raġunijiet għall-opinjoni tiegħu, minbarra meta dan jinvolvi l-iżvelar ta' materja li hi materjal eżentat skont it-termini tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V.

(3) Meta l-Prim Ministru joħroġ ċertifikat taħt dan l-artikolu, hu għandu fl-iqsar żmien prattikabbli jqiegħed kopja tiegħu quddiem il-Kamra tad-Deputati.

(4) Meta l-Kummissarju jirċievi ċertifikat taħt dan l-artikolu fir-rigward ta' avviż ta' deċiżjoni, hu għandu jinforma lill-

applikant b'dan.

Nuqqas ta' konformità ma' avviż.

**27.** (1) Meta awtorità pubblika jew uffiċjal ta' tali awtorità jirrifjuta jew, mingħajr raġuni valida, jonqos milli jikkonforma ma' -

(*a*) avviż ta' deċiżjoni, safejn dan jitlob li jittieħdu passi;

(*b*) avviż ta' informazzjoni; jew

(*ċ*) avviż ta' infurzar,

Kap. 586.

dan għandu jitqies bħala reat skont it-termini tal-artikolu 22(b) tal-- Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, u l-Kummissarju jista' wkoll jimponi multa amministrattiva kontra l-awtorità jew l-uffiċjal tagħha kif ipprovdut mill-artikolu 42(3) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 586.

(2) Meta awtorità pubblika tonqos milli tikkonforma ma' avviż ta' informazzjoni, jew meta l-Kummissarju jemmen li reat skont it-termini tal-artikolu 43 ikun qed jiġi, jew ikun wasal biex jiġi, kommess, il-Kummissarju jista' jaġixxi biex jiżgura konformità mal-avviż, jew biex ma jħallix li r-reat ikun kommess, billi juża s-setgħat ta' dħul u tiftix vestiti fil-Kummissarju taħt l-artikolu 16(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, li għandu jkun applikabbli għal dan il-fini.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, awtorità pubblika li, sabiex turi li qed tikkonforma ma' avviż ta' informazzjoni -

(*a*) tagħmel dikjarazzjoni li taf li hija falza f'aspett materjali; jew

(*b*) tagħmel bl-addoċċ dikjarazzjoni li hija falza f'aspett materjali,

għandha titqies li naqset milli tikkonforma mal-avviż.

Ebda azzjoni ċivili kontra awtorità pubblika.

**28.** (1) Dan l-Att ma jagħti ebda dritt ta' azzjoni ċivili fir-rigward ta' xi nuqqas ta' konformità ma' xi dmir impost minn jew taħt dan l-Att.

(2) Is-subartikolu (1) m'għandux jolqot is-setgħat tal-Kummissarju taħt l-artikolu 27.

## TAQSIMA V

## RAĠUNIJIET KONKLUŻIVI BIEX DOKUMENTI UFFIĊJALI MA JKUNUX ŻVELATI TAĦT DAN L-ATT

Dokumenti li jolqtu s-sigurtà nazzjonali, difiża u relazzjonijiet internazzjonali, u dokumenti tal-Kabinett.

**29.** (1) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att:

(*a*) jikkaġuna, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jikkaġuna, ħsara lis-sigurtà, id-difiża jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew

(*b*) jikxef xi informazzjoni jew materja komunikata b'konfidenzjalità minn jew f'isem gvern barrani, awtorità ta' gvern barrani, jew organizzazzjoni internazzjonali lill-Gvern ta' Malta jew lil awtorità pubblika oħra, jew mill-Gvern ta' Malta jew minn awtorità pubblika lil gvern barrani, awtorità tiegħu,

jew organizzazzjoni internazzjonali.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (3), dokument hu dokument eżentat jekk hu:

(*a*) dokument li kien sottomess lill-Kabinett għall-konsiderazzjoni tiegħu jew hu propost minn Ministru biex ikun sottomess b'dan il-mod, billi hu dokument li nħoloq għall-iskop ta' sottomissjoni lill-Kabinett;

(*b*) *record* uffiċjali tal-Kabinett;

(*ċ*) dokument li hu kopja ta' dokument imsemmi fil-paragrafu (*a*) jew (*b*), jew kopja ta' parti minn dokument bħal dan, jew fih xi silta minnu; jew

(*d*) dokument li l-iżvelar tiegħu jkun jinvolvi l-iżvelar ta' xi deliberazzjoni jew deċiżjoni tal-Kabinett, minbarra dokument li bih deċiżjoni tal-Kabinett kienet ippubblikata:

Iżda kull sena, il-Prim Ministru jista' jordna li ċerti dokumenti tal-Kabinett, li jkunu dokumenti magħżulin minn fost dawk li għandhom tletin sena jew aktar, għandhom ikunu suġġetti għall-iżvelar, u dan is-subartikolu ma jibqax japplika għal dawn id-dokumenti.

(3) Is-subartikolu (2) m'għandux japplika għal dokument jekk, u safejn, ikun fih informazzjoni fattwali li għandha x'taqsam ma' deċiżjoni tal-Kabinett li ġiet ippubblikata.

(4) Fis-subartikoli (2) u (3) "Kabinett" tinkludi Kumitati tal-Kabinett.

Dokumenti li jolqtu l-infurzar tal-liġi u l-ħarsien tas-sigurtà pubblika.

**30.** (1) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

(*a*) jippreġudika t-tmexxija ta' investigazzjoni ta' ksur, jew possibiltà ta' ksur, tal-liġi, jew nuqqas, jew possibiltà ta' nuqqas, ta' konformità ma' liġi li għandha x'taqsam ma' tassazzjoni, jew jippreġudika l-infurzar jew l-amministrazzjoni xierqa tal-liġi f'ċirkostanza partikolari;

(*b*) jiżvela l-eżistenza jew l-identità, jew jippermetti li persuna tiskopri l-eżistenza jew l-identità, ta' sors konfidenzjali ta' informazzjoni, jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' sors konfidenzjali ta' informazzjoni, fir-rigward tal-infurzar jew l-amministrazzjoni tal-liġi; jew

(*ċ*) jqiegħed fil-periklu l-ħajja jew is-sigurtà fiżika ta' xi persuna.

(2) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

(*a*) jippreġudika l-proċess ġust ta' persuna jew il-ġudizzju imparzjali ta' każ partikolari minn xi qorti, tribunal, bord ta' dixxiplina, *panel* ta' arbitraġġ jew korp simili, jew jippreġudika inkjesta mmexxija taħt l-Att dwar l-Inkjesti; Kap. 273.

(*b*) jippreġudika l-effettività ta' metodi jew proċeduri legali għall-prevenzjoni, kxif, investigazzjoni, jew trattament ta' materji li jirriżultaw minn ksur jew evażjoni tal-liġi permezz tal-iżvelar tiegħu; jew

(*ċ*) jippreġudika l-manteniment jew infurzar ta' metodi legali għall-ħarsien tas-sigurtà pubblika.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*b*), persuna għandha titqies li hija sors konfidenzjali ta' informazzjoni fir-rigward tal-infurzar jew l-amministrazzjoni tal-liġi jekk il-persuna qed tirċievi, jew irċeviet, protezzjoni mill-Pulizija jew minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn bħala:

(*a*) xhud; jew

(*b*) persuna li, minħabba r-relazzjoni jew l-assoċjazzjoni tagħha ma' xhud, jeħtiġilha jew tista' teħtiġilha din il-protezzjoni; jew

(*ċ*) kull persuna oħra li, għal xi raġuni, jeħtiġilha jew tista' teħtiġilha din il-protezzjoni.

Dokumenti suġġetti għall-privileġġ professjonali legali jew li fihom materjal miksub b'mod konfidenzjali.

**31.** (1) Dokument hu dokument eżentat jekk hu ta' natura tali li jkun privileġġjat milli jittella' fi proċeduri legali għal raġuni ta' privileġġ professjonali legali.

(2) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika) għal ksur ta' konfidenzjalità.

(3) Is-subartikolu (2) m'għandux japplika għal *working documents* interni mħejjijin minn membru, uffiċjal jew impjegat tal-Gvern jew ta' xi awtorità pubblika oħra fil-kors ta' dmirijietu sakemm l-iżvelar ma jikkostitwixxix ksur ta' konfidenzjalità dovuta lil persuna jew korp minbarra membru, uffiċjal jew impjegat tal-Gvern jew ta' xi awtorità pubblika oħra kif intqal hawn fuq.

Dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet ta' negozju, l-ekonomija u r-riċerka.

**32.** (1) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela:

(*a*) sigrieti kummerċjali;

(*b*) kull informazzjoni oħra li għandha valur kummerċjali li jinqered jew jitnaqqas, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jinqered jew jitnaqqas, jekk l-informazzjoni tkun żvelata; jew

(*ċ*) informazzjoni (minbarra sigrieti jew informazzjoni kummerċjali li għaliha japplika l-paragrafu (*b*)) dwar persuna fir-rigward tal-affarijiet tan-negozju jew personali tiegħu jew dwar l-affarijiet tan-negozju, kummerċjali jew finanzjarji ta' organizzazzjoni jew intrapriża, billi tkun informazzjoni li:

(i) l-iżvelar tagħha jolqot ħażin, jew raġonevolment ikun mistenni li jolqot ħażin, b'mod mhux raġonevoli lil dik il-persuna fir-rigward tan-negozju jew affarijiet professjonali leġittimi tagħha jew lil dik l-organizzazzjoni jew

intrapriża fir-rigward tal-affarijiet leġittimi tan-negozju, kummerċjali jew finanzjarji tagħha; jew

(ii) l-iżvelar tagħha taħt dan l-Att jista' jkun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-awtorità.

(2) Is-subartikolu (1) m'għandux japplika għal talba għal aċċess għal dokument għar-raġuni waħdanija li d-dokument fih informazzjoni fuq:

(*a*) in-negozju jew l-affarijiet professjonali tal-applikant innifsu;

(*b*) l-affarijiet ta' negozju, kummerċjali jew finanzjarji ta' intrapriża meta l-applikant hu l-proprjetarju tal-intrapriża jew qed jaġixxi f'isem il-proprjetarju; jew

(*ċ*) l-affarijiet ta' negozju, kummerċjali jew finanzjarji ta' organizzazzjoni meta l-applikant qed jaġixxi f'isimha.

(3) Is-subartikolu (1)(*ċ*) m'għandux japplika għal informazzjoni li għandha x'taqsam biss mal-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni.

(4) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att imur kontra l-interess pubbliku għar-raġuni li hu:

(*a*) jkollu, jew raġonevolment ikun mistenni li jkollu, effett ħażin sostanzjali fuq il-ħila tal-Gvern li jimmaniġġja l-ekonomija Maltija; jew

(*b*) jista' jkun raġonevolment mistenni li jirriżulta fi tfixkil mhux floku tal-kors ordinarju tan-negozju fil-komunità, jew f'benefiċċju jew detriment mhux flokhom lil xi persuna jew komunità, jew f'benefiċċju jew detriment mhux flokhom lil xi persuna jew klassi ta' persuna, għar-raġuni li jagħtu għarfien prematur jew ikunu jittrattaw dwar azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni proposti jew possibbli tal-Gvern jew tal-Parlament.

(5) Ix-xorta ta' dokumenti li s-subartikolu (4) jista' japplika għalihom jinkludu, iżda m'humiex limitati għal, dokumenti li fihom materja li għandha x'taqsam ma':

(*a*) il-munita jew rati tal-kambju;

(*b*) rati tal-imgħax;

(*ċ*) taxxi, inklużi dazji tad-dwana jew tas-sisa;

(*d*) ir-regolamentazzjoni jew is-sorveljanza ta' banek, istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni, u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn;

(*e*) l-istabilità tas-sistema finanzjarja;

(*f*) proposti għal infiq;

(*g*) investiment barrani f'Malta; jew

(*h*) self mill-Gvern jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn.

(6) Dokument hu dokument eżentat jekk hu fil-pussess ta' membru tal-istaff akkademiku tal-Università ta' Malta u fih informazzjoni li għandha x'taqsam ma' riċerka li kienet jew qiegħda ssir minn dak il-membru, sakemm ir-riċerka m'hix kummissjonata minn awtorità pubblika.

(7) Dokument hu dokument eżentat jekk:

(*a*) fih informazzjoni li għandha x'taqsam ma' riċerka xjentifika jew akkademika li qed issir, jew se ssir, minn membru tal-istaff ta' awtorità pubblika, minbarra riċerka li għaliha japplika s-subartikolu (6); u

(*b*) żvelar ta' informazzjoni qabel it-tlestija tar-riċerka x'aktarx li jiżvantaġġja b'mod mhux raġonevoli lill-awtorità pubblika jew lill-membru tal-istaff.

(8) Is-subartikolu (7) m'għandux japplika għal dokument li, safejn fih informazzjoni li għandha x'taqsam ma' riċerka, fiha biss informazzjoni li għandha x'taqsam ma' riċerka li tlestiet kollha.

(9) Dokument hu dokument eżentat jekk fih informazzjoni li għandha x'taqsam ma' riċerka dwar affarijiet ta' sigurtà u difiża, u awtorità pubblika għamlet dik ir-riċerka jew talbet biex issir, jew kienet involuta fir-riċerka jew fit-talba biex issir.

Dokumenti li l-iżvelar tagħhom jikkostitwixxi disprezz tal-Parlament jew tal-Qorti.

**33.** Dokument hu dokument eżentat jekk, apparti minn dan l-Att u minn kull immunità tal-Gvern, l-iżvelar pubbliku tad-dokument:

(*a*) jikkostitwixxi disprezz tal-qorti;

Kap. 273.

(*b*) imur kontra xi ordni magħmula jew direzzjoni mogħtija minn xi Bord li għalih japplika l-Att dwar l-Inkjest, jew minn xi tribunal jew persuna oħra li għandha s-setgħa li tiġbor xhieda ġuramentata; jew

(*ċ*) jikser il-privileġġi tal-Parlament.

Informazzjoni fuq l-eżistenza ta' ċerti dokumenti.

**34.** Meta -

(*a*) talba taħt dan l-Att għandha x'taqsam ma' dokument li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, jew kienu japplikaw kieku tali dokument kien jeżisti; u

(*b*) l-eżistenza jew nuqqas ta' eżistenza tad-dokument tista' tkun minnha nnifisha, jekk tingħad f'dokument, suġġetta għal nuqqas ta' żvelar skont it-termini ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija,

l-awtorità pubblika li tittratta t-talba tista' tagħti avviż bil-miktub lill-applikant li hi la tikkonferma u lanqas tiċħad l-eżistenza jew nuqqas ta' eżistenza ta' dak id-dokument.

TAQSIMA VI

RAĠUNIJIET OĦRAJN BIEX MA TINGĦATAX INFORMAZZJONI UFFIĊJALI

**35.** (1) Din it-Taqsima għandha tapplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V.

Applikazzjoni ta' din it-Taqsima.

(2) Dokument jista' ma jingħatax skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima biss jekk ikun fih materja li fir-rigward tagħha l-interess pubbliku li jinqeda bin-nuqqas ta' żvelar m'għandux piż aktar mill-interess pubbliku li jinqeda jekk id-dokument ikun żvelat.

**36.** (1) Bla ħsara għall-artikolu 35 u għas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela materja li għandha n-natura ta', jew li għandha x'taqsam ma', opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet miksubin, imħejjijin jew reġistrati, jew ma' konsultazzjoni jew deliberazzjoni li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi involuti fil-funzjonijiet tal-Gvern jew awtorità pubblika oħra, jew għall-finijiet ta' dawk il-proċessi.

*Working documents* interni.

(2) Is-subartikolu (1) m'għandux japplika għal dokument għar-raġuni waħdanija ta' informazzjoni purament fattwali li tkun fid-dokument.

(3) Is-subartikolu (1) m'għandux japplika għal:

(*a*) rapporti (inklużi rapporti dwar ir-riżultati ta' studji, stħarriġ jew testijiet) ta' esperti xjentifiċi jew tekniċi, kemm jekk impjegati minn awtorità pubblika u kemm jekk m'humiex, inklużi rapporti li jesprimu l-opinjoni ta' dawn l-esperti fuq materji xjentifiċi jew tekniċi; jew

(*b*) ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni finali tar-raġunijiet għal deċiżjoni finali mogħtija fl-eżerċizzju tas-setgħa jew ta' funzjoni aġġudikativa.

(4) Fis-subartikolu (3) it-terminu "espert xjentifiku jew tekniku" għandu jinftiehem li jeskludi *managers* anzjani f'awtoritajiet pubbliċi.

**37.** Bla ħsara għall-artikolu 35, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att ikollu effett ħażin sostanzjali fuq l-interessi finanzarji jew ta' proprjetà tal-Gvern jew ta' awtorità pubblika oħra.

Dokumenti li jolqtu interessi finanzjarji jew ta' proprjetà ta' awtoritajiet pubbliċi.

**38.** Bla ħsara għall-artikolu 35, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att iwassal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

Dokumenti dwar ċerti operazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.

(*a*) jippreġudika l-effettività ta' proċeduri jew metodi għat-tmexxija ta' testijiet, eżamijiet jew proċessi ta' awditjar minn awtorità pubblika;

(*b*) jippreġudika l-ilħiq tal-objettivi ta' testijiet, eżamijiet jew proċessi ta' awditjar partikolari mmexxijin jew li jkunu se jitmexxew minn awtorità pubblika;

(*ċ*) jkollu effett ħażin sostanzjali fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operazzjonijiet ta’ awtorità pubblika; jew

(*d*) jkollu effett ħażin sostanzjali fuq it-tmexxija ta’ negozjati (inklużi negozjati kummerċjali u industrijali) mill-Gvern jew awtorità pubblika oħra jew f’isimha.

TAQSIMA VII

DISPOSIZZJONIJIET SUPPLEMENTARI

Appelli minn avviżi maħruġin mill-Kummissarju.

**39.** (1) Meta avviż ta’ deċiżjoni jintbagħat, l-applikant jew l-awtorità pubblika jistgħu jappellaw lit-Tribunal kontra l-avviż fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol.

(2) Awtorità pubblika li tirċievi avviż ta’ informazzjoni jew avviż ta’ infurzar mingħand il-Kummissarju tista’ tappella lit-Tribunal kontra l-avviż.

(3) Jekk, meta jsir appell taħt dan l-artikolu, it-Tribunal iqis -

(*a*) li l-avviż li kontrih sar l-appell mhux skont il-liġi; jew

(*b*) safejn l-avviż kien jinvolvi eżerċizzju ta’ diskrezzjoni mill-Kummissarju, li hu kellu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b’mod differenti,

it-Tribunal għandu jilqa’ l-appell jew jissostitwih b’avviż ieħor kif seta’ jintbagħat mill-Kummissarju; u f’kull każ ieħor it-Tribunal għandu jiċħad l-appell.

(4) Meta t-Tribunal jissostitwixxi avviż kif intqal hawn fuq, il-Kummissarju għandu jieħu azzjoni taħt l-artikolu 27 biex jiżgura konformità bħallikieku dak l-avviż kien inħareġ mill-Kummissarju.

Kap. 586.

(5) Fis-smigħ ta’ appelli taħt dan l-artikolu t-Tribunal għandu jibqa’ suġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*:

(*a*) l-artikolu 28(2); u

(*b*) l-artikolu 27(2), (4) u (5).

Appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal.
Kap. 586.

**40.** Deċiżjonijiet tat-Tribunal taħt dan l-Att għandhom ikunu suġġetti għal appell lill-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kodiċi ta’ prattika.

**41.** (1) Il-Ministru għandu joħroġ kodiċi ta’ prattika li jagħti gwida lill-awtoritajiet pubbliċi dwar il-prattika li, fil-fehma tiegħu, ikun desiderevoli li huma jsegwu f’konnessjoni mal-qadi tal-funzjonijiet ta’ awtoritajiet pubbliċi taħt it-Taqsima II u t-Taqsima III.

(2) Il-kodiċi ta’ prattika għandu, b’mod partikolari, jinkludi dispożizzjonijiet dwar:

(*a*) l-għoti ta’ parir u għajnuna minn awtoritajiet pubbliċi lil persuni li jixtiequ jagħmlulhom, jew ikunu għamlulhom, talbiet għal informazzjoni;

(*b*) it-trasferiment ta’ talbiet minn awtorità pubblika għal awtorità pubblika oħra li għandha, jew jista’ jkollha, id-dokumenti mitlubin;

(*ċ*) konsultazzjoni ma' persuni li l-informazzjoni mitluba għandha x'taqsam magħhom jew li l-interessi tagħhom x'aktarx li jintlaqtu mill-iżvelar ta' informazzjoni;

(*d*) l-inklużjoni f'kuntratti li jidħlu għalihom awtoritajiet pubbliċi ta' termini li għandhom x'jaqsmu mal-iżvelar ta' informazzjoni;

(*e*) il-provvediment minn awtoritajiet pubbliċi ta' proċeduri mgħaġġlin biex jieħdu ħsieb ilmenti dwar it-trattament minnhom ta' talbiet għal informazzjoni; u

(*f*) iż-żamma ta' dokumenti u *records* minn awtoritajiet pubbliċi b'mod li tiħaffef l-identifikazzjoni u l-akkwist ta' dokumenti għall-finijiet ta' dan l-Att.

(3) Il-kodiċi jista' jagħmel dispożizzjonijiet differenti għal awtoritajiet pubbliċi differenti.

(4) Qabel joħroġ jew jirrevedi xi kodiċi taħt dan l-artikolu, il-Ministru għandu jikkonsulta lill-Kummissarju u lis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Regolamenti.

**42.** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kummissarju, jagħmel regolamenti għall-finijiet kollha li ġejjin jew għal xi wħud minnhom:

(*a*) biex jippreskrivi formoli ta' applikazzjoni (manwali jew elettroniċi) u dokumenti oħra meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att, jew biex jawtorizza xi persuna biex tippreskrivi jew tapprova dawn il-formoli jew dokumenti:

Iżda formoli ma jistgħux jimponu rekwiżiti fuq l-applikanti b'żieda ma' dawk imniżżlin f'dan l-Att, u applikazzjoni li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti kollha għandha xorta waħda titqies jekk issir b'mod ieħor milli bl-użu tal-formola preskritta;

(*b*) biex jistabbilixxi l-proċedura biex jintbagħtu avviżi u dokumenti minn awtoritajiet pubbliċi taħt dan l-Att;

(*ċ*) biex jippreskrivi ħlasijiet raġonevoli jew skali ta' ħlasijiet raġonevoli għall-finijiet ta' dan l-Att; u

(*d*) biex jipprovdi għal dawk il-materji kif kontemplati minn dan l-Att jew li huma neċessarji biex jagħtuh effett sħiħ u jipprovdu għall-amministrazzjoni xierqa tiegħu.

Ħsara, eċċ., lil dokumenti għandha tikkostitwixxi reat. Kap. 9.

**43.** L-artikolu 144 tal-Kodiċi Kriminali għandu japplika għal kull min jieħu b'qerq, jiddistruġġi, ma jħallix sħiħ jew jisraq dokument bil-ħsieb li ma jkunx jista' jsir żvelar ta' informazzjoni lil applikant taħt dan l-Att.